# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt


**12/19**

**It-tnax (12)-il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv b'urġenza, nhar il-Erbgħa 31 ta' Lulju 2013 fil-6.00 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | ~~Is-Sur Darren Carabott~~ | - | Kunsillier (Skużat). |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

***Aġenda:***

***1. L-Ark ta' Wignacourt***

Il-laqgħa bdiet fil-6.05 ta' filgħaxija.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa

1. L-Ark ta' Wignacourt

Is-Sindku qal li fuq il-Proġett tal-Ark ta' Wignacourt fadlilna bħala issue it-titlu ta' l-istess ark. Is-Sur Sultana kompla u qal li l-Kunsill ta' Birkirkara u l-Hamlet ta Fleur de lys iridu li jissemma "Bieb Fleur De Lys" pero bħala Kunsill ta' Santa Venera mhux qegħdin naċċettaw dan minħabba li l-arkata tinsab fil-konfini ta' Santa Venera u apparti hekk imkien fl-istorja ma hemm indikazzjoni li l-Ark ta' Wignacourt kien jissejjaħ "Bieb Fleur de Lys".

Is-Sinjura Elizabeth Vella staqsiet lis-Sur Horace Anastasi jekk jiftakarx b'consortium li minn hemm kien ħareġ ftehim mal-BOV u qalu li l-isem huwa propju "Arc de Wignacourt".

Is-Sur Anastasi qal li hu ma kienx ikkonsultat fuq dan.

Is-Sinjura Vella qalet li hi kienet talbet id-dokumenti lic-Chairperson tal-Consortium is-Sur Joe Sammut.
Is-Sinjura Vella qalet li bħala Kunsill ta' Birkirkara ma jistax jagħmel proġett f'konfini ta' Kunsill ieħor.

Is-Sindku qal li għandu dokumenti li ġew provduti mis-Sur Mario Coleiro fejn juru l-istorja ta' dan l-Akwidott li kien inbena fi żmien il-Kavallieri kien bnieh il-Granmastru Wignacourt u l-istess arkata kienet tagħmel parti mill-istess akwidott. Is-Sindku irrimarka wkoll li ma jistax ikun li tissemma għal bieb għaliex bieb irid ikun imdawwar bis-swar pero dan huwa biss pendil tal-Akwidott.

Issemma rapport tal-Pulizija tas-snin 1943 u 1944 li din l-arkata ġiet referuta propju bl-isem ta' ArkWignacourt.

Is-Sindku qal li avviċina lil Dr. David Farrugia Sacco li lest jgħinna fuq din il-kwistjoni senza interessi. Il-Kunsill ikun irid joħroġ biss l-ispejjeż tal-qorti.

Il-Kunsill qabel nemcon ma' dan il-fatt li Dr. David Farrugia Sacco ikun l-Avukat li jmexxi l-Kunsill. Il-Kunsill enfasizza wkoll li m'huwiex kontra il-Proġett per se pero kontra l-fatt li l-isem ser jitbiddel minn dak originali.

Is-Sur Stephen Sultana qal li talab lil Dr. Ray Mangion sabiex itina l-istorja dettaljata fuq l-Arkata.

Is-Sindku qal ukoll li sar jaf li il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Proġett approvaw lil min ser jagħtu x-xogħol mingħajr mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ġie kkonsultat.

Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli, nibdew dan il-Mandat mill-aktar fiss.

Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, ....2/9/2013....